MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 139/2004

Kawza fil-lista:  19

**A B**
**Vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fid-29 ta’ Jannar, 1994 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg.

Peress illi l-kunsens tal-kontendenti kien ivvizzjat stante li nkiseb bi vjolenza morali u biza’.

Peress illi l-kunsens tal-kontendenti kien wiehed ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet jew drittijiet essenzjali.

Peress illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Peress illi, ghalhekk l-istess zwieg huwa null u bla effett ai termini ta’ l-Artikolu 19(1a) u/jew (1d) u/jew Artikolu 19(1f) ta’ l-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

Tghid il-konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:-

Tiddikjara dan iz-zwieg null u bla effett ai termini ta’ l-Artikolu 19(1a) u/jew (1d) u/jew 19(1f) ta’ l-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

Bl-ispejjez u l-konvenuta ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

Illi sa fejn taf l-esponenti, l-kunsens taghha ghaz-zwieg ma kien ivvizzjat bl-ebda mod.

Illi mill-banda l-ohra, inkwantu ghal kunsens ta’ l-attur jista jkun li dan kien vizzjat specjalment minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet jew drittijiet essenzjali.

Illi inoltre anke jekk it-talba attrici tigi milqugha, l-eccipjenti ma ghandha tbati ebda spejjez tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fid-29 ta' Jannar 1994 huwa null fil-ligi minhabba li l-kunsens matrimonjali "tal-kontendenti" kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a],[d] u [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Minn naha taghha, il-konvenuta, filwaqt li tichad li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat b' xi mod, teccepixxi li dak ta' l-attur seta' kien vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-Artikolu precitat.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewwgu fid-29 ta' Jannar 1994 wara gherusija ta' seba snin. Huma kienu ddecidew li jressqu d-data taz-zwieg bi ftit xhur mid-data originarjament ippjanata stante li l-konvenuta harget tqila.

Fl-affidavit tieghu, l-attur jghid hekk: "meta saret taf li kienet harget tqila, bdejna niddejjqu li jkollna tarbija qabel ma nizzewwgu u ghalhekk iddecidejna [sic] li ngibu t-tieg' l-quddiem." [fol.17] F' dan iz-zmien l-attur kellu 24 sena u l-konvenuta kellha 20 sena. L-attur ikompli jghid hekk: "Wara li zzewwigna twieled Glenn. Il-hajja ta' mizzewwgin ghal bidu kienet normali, ghaliex konna ghadna ferhanin bit-twelid tat-tifel.." [ibid].

Illi wara hames snin mid-data taz-zwieg l-attur, li jahdem bit-taxi, dahal f' relazzjoni extra matrimonjali u rrizulta li kien kera flat bil-kera ta' Lm120 fix-xahar biex ikun jista' joqghod fih mal-habiba tieghu.

Illi l-attur ilmenta li l-konvenuta kienet tonfoq hafna flus u li hu kien ikollu jahdem sieghat twal biex ikun jista' jlahhaq mad-dejn li kellu; minn naha taghha l-konvenuta cahdet din l-allegazzjoni kategorikament u imputat lill-attur il-fatt li dana biz-zmien beda jitraskura l-familja u inoltre kien jaghmel ghal flus. Din il-Qorti wara li ezaminat ix-xhieda fil-kumplessita' taghha hija tal-fehma li ghandha taghti affidament lill-versjoni tal-konvenuta.

Illi rigward l-ewwel kawzali bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [a], il-Qorti tosserva li mill-provi ma rrizultax li kien hemm cirkostanzi ta’ vjolenza morali jew biza li jintegraw dan il-*caput nullitatis*. Di fatti hekk kif il-konvenuta harget tqila, il-partijiet - li kienu ilhom gharajjes circa 7 snin u li ghalhekk kellhom zmien bizzejjed sabiex ikunu jafu adegwatament lil xulxin u jimmanifestaw l-intenzjoni taghhom li jizzewwgu – ddecidew li jressqu l-quddiem id-data taz-zwieg bi ftit xhur mid-data originarjament stabbilita. Ma rrizulta ebda fattur ta’ vjolenza jew biza kif qed jallega l-attur. Ghaldaqstant din il-kawzali ma treggix.

Illi rigward it-tieni kawzali bazata fuq id-dispost ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d], l-attur isostni li l-kunsens “tal-kontendenti” kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu.

In propositu gie osservat fil-kawza “*App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: “Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b’ mod sostanzjali, ossia “gravi”, minn dik il-fakolta’ kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-matuC’ affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju mhux semplicement nuqqas ta’ hsieb, jew nuqqas ta’ riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri*] “Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkun irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju [*PA Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt – 15.4.1996*]

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita’ psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali”

Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. “*In altri termini e’ necessaria la discrezione non tanto per l’ atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell’atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro.” [Bersini -citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994]*

Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta’ immatuC’ ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-*caput nullitatis*. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta’ matuC’ jew edukazzjoni, izda ta’ l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg *[PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003]*

*[vide ukoll App.C. App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta’ Jannar 2006,deciza fis-27 ta’ Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati]*

L-immatuC’ jew difett serju ta’ diskrezzjoni “*non si referiscono ad una piena e terminali matuC’, non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di ceio che comporta l-matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio’ che puo’ comportare la vita coniugale, ne’ un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne’ infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche’ riesce piu’ appropriato l’ uso del termine discrezione di*

*gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento*[1] *ma non implica il raggiungimento di una matuC' piena [Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrjan citati fil-kawza PA Nicholas Agius vs C Agius deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006, [2006]supra]*.

Il-premess, applikat ghall-fatti tal-kaz in disamina, iwassal ghall-konkluzjoni li din il-kawzali ma tinsabx sostnuta mill-provi. Ma jirrizultax provat li qabel iz-zwieg u senjatament, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens l-attur jew il-konvenuta kienu inkapacitati minn difett serju ta' diskrezzjoni fit-termini tal-artikolu precitat.

Hija applikabbli ghal kaz l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza *PA MaC Schembri vs Emanuel Schembri deciza 9.04.2003* fis-sens li ghandha issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizutaw [jizviluppaw] waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni , u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament.

Fil-kaz in disamina jirrizulta car li z-zwieg tfarrak irremidjabilment hames snin wara d-data taz-zwieg meta f' Mejju tas-sena 1999 l-attur qabad relazzjoni extra matrimonjali u kompla ghaddej biha, tant li fl-10 ta' Awissu 2000 il-partijiet isseparaw legalment u konsenswalment. Huwa car li din ir-relazzjoni extra matrimonjali, wara hames snin ta' zwieg bejn il-koppja, kellha taghti lok ghal separazzjoni personali, imma mhux ghall-annullament taz-zwieg taghhom. Ghalhekk din il-kawzali ma ssibx sostenn fil-provi.

Illi t-tielet kawzali ta' l-attur hija bazata fuq il-kontenut tal-para.[f] tal-Art.19[1] li jikkontempla l-kaz ta' vizzju ta' kunsens minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu,

---

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti

jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Kif osservat din  il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza  9.12.2002*, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta’ dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b’ konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun  hemm simulazzjoni f’ kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b’ att pozittiv tal-volonta’ taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta’ essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] [*PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995;  Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996*]

In subjecta materja [qerq] l-principju jibqa’ dak sancit fl-Art.981[2] tal-Kap.16, jgifieri li l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jhigi ppruvat.

Ghalhekk sabiex l-attur jirnexxi f’ din il-kawzali, jiehtieg li jigi provat sodisfacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, iz-zewg kontendenti, jew parti minnhom, internament kienet qed teskludi b’ att posittiv tal-volonta’ taghha jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg .

Jinghad mill-ewwel li mill-provi ma jirrizulta xejn li jindika li din il-kawzali treggi la fil-konfront ta’ l-attur u wisq anqas fil-konfront tal-konvenuta. Il-Qorti hija sodisfatta li l-provi juru li fil-mument tal-kunsens matrimonjali huma riedu li jinghaqad fiz-zwieg bl-obbligi u drittijiet li dan jimporta. Ghaldaqstant lanqas din il-kawzali ma treggi.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-attur.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez kollha a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------